# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' April 2024**

**Każ Nru: 1943/24**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**vs**

**Andreas Heinze**
**(Passaport Ġermaniż Nru: C3JJFX49T)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Andreas Heinze, 49 sena, iben Klauss u Ludmilla, imwieled Halle Saale l-Ġermanja nhar l-04 ta' April 1974 bla indirizz fiss detentur tal-passaport Ġermaniż numru C3JJFX49T u ċioé:

*talli bejn il- 31 ta' Marzu 2024 u l-01 ta' April 2024 waqt titjira minn Berlin lejn Malta abbord titjira KM377 kif ukoll ġewwa dawn il- Gżejjer;*

1. *B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl*-arti jew professjoni *tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt ħruq jew ghamel xi ħsara jew għarraqt xi ħaġa għad-dannu ta' KM Malta Airlines Ltd li l-hsara tammonta ghall- Ewro118 u dan bi ksur tal-Artikolu Art.328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi* offendejt il-pudur jew il-morali, *b'egħmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall*-pubbliku; *u dan bi ksur tal- Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. *aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi* qal fil-pubbliku xi kliem *oxxen jew indiċenti;* u dan bi ksur tal-Artikolu Kap 9 Art 338 (bb) tal-*Ligijiet ta' Malta;*

4. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ħebb kontra Kyle Abela sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmel ħsara lil din il*-persuna jew lil *ħaddieħor,* u dan bi ksur tal-Artikolu Kap 9 Art 339 (d) tal-*Ligijiet ta' Malta*

5. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi fil*-portijiet, *fi xtut, il-baħar jew f'lok ieħor pubbliku, jinża' għarwien jew ma jkunx liebes xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu Art 338 q tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

6. *U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l*-ordnijiet *leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien qed jagħmel dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil*

*ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew setà jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm -il darba din id-diżubbidjenza jew dan l-indħil ma kinux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra; u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

8. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinstab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku,inkella, waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq in-nies jew għamel storbju jew ma kienx irid joħroġ minn ħanut tax-xorb, ħanut tal-ikel, tverna jew lukanda, jew fittex li jirkeb f'dgħajsa jew fuq bastiment tal-passiġġieri, jew fuq vettura oħra, jew ma kienx irid jinżel minn fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra għalkemm jiġi mwissi mill-persuna lijkollha l-ħsieb tagħhom biex ma jirkibx fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra, jew biex jinże lminn fuqhom u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.;*

9. *Bezaq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepożita, exkreta materjali tal-bniedem u cioe għamel awrina, inkluż vomtu jew ħalla jew iddepożita xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih*

*il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizzat b'liġi. Skeda 1, Partita.4 L.S.549.40*

*Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat ghall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

Rat li fis-seduta tal-lum[1], l-imputat għażel li jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa' ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu[2].

Rat id-dokumentazzjoni mressqa mill-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors konġunt magħmul mill-prosekuzzjoni u d-difiża, ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talbu li l-Qorti timponi piena ta' tlett (3) xhur priġunerija, sospiżi għal żmien sentejn.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

---

[1] Verbal jibda a fol 5 tal-proċess.

[2] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

## 1) Fatti u ammissjoni

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

Illi l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa għażel li jerġa jtenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[3], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

## 2) Piena

Illi kif diġa ġie senjalat, il-prosekuzzjoni u d-difiża talbu, permezz ta' rikors, li din il-Qorti timponi sentenza ta' tlett (3) xhur priġunerija, sospiżi għal żmien sentejn.

[3] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

Illi din il-Qorti, wara li rat li dak mitlub fir-rikors konġunt jaqa fil-parametri tal-liġi; li l-imputat ammetta ma l-ewwel opportunità, kkoopera mal-Pulizija u kif ukoll rreġistra skuża formali ta' dak li għamel, tqis li għandha tilqa' t-talba hemm magħmula u dan kif irid l-artikolu 392A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dak li jiswa però, safejn d-difiża saħqet fuq il-fatt li l-imputat kien xurban f'dan l-episodju, din il-Qorti tfakkar li din ma hija skuża ta' xejn. Wara kollox, ma tridx tintesa l-massima *qui peccat ebrius, luat sobrius*[4].

Illi b'hekk il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

### 3) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 209, 328(d), 338(q), 338(bb), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Ewwel Skeda, Partita 4 tal-Liġi Sussidjarja 549.40 qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement qiegħda tikkundanna lill-ħati għal piena ta' tlett (3) xhur priġunerija. Madanakollu, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, qiegħda tordna li, a tenur tal-artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-terminu m'għandux jibda jseħħ sakemm il-ħati ma jikkommettix reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, fi żmien sentejn (2) m'illum.

[4] "Chi peccat ubriaco, sconti sobrio" - Brocard 4027, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 381. Ara f'dan is-sens dak li ntqal u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Camilleri *et,*** Appell Kriminali Nru: 134/2014) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Jannar 2015.

Illi a tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar, ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv.

Il-Qorti, qiegħda tiċħad it-talba għal-ispejjeż tal-espert a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma jirriżultax li tqabbdu xi esperti f'dan il-każ.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur